**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum l-Erbgha 18 ta' Novembru, 2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Cassar)**

**vs.**

**Neville Cassar u**
**Sandro Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Neville Cassar ta' 28 sena, iben Anthony u Josephine nee' Farrugia, mwieled il-Pieta' fis-6 ta' Jannar, 1979, detentur ta' karta tal-identita' Maltija bin-numru 47779M u residenti fil-fond numru 56, Flat 1, St. Patrick Street, Valletta u;

Sandro Agius ta' 31 sena, iben John u Rita nee' Galea, imwieled San Giljan fit-13 t'Ottubru, 1975, detentur ta' karta tal-identita' Maltija bin-numru 485775M u residenti fil-fond Flat 5, Daffodil Court, Triq San Gorg, Santa Venera.

Akkuzati:

1. Fl-1 t'Ottubru, 2007 u fil-jiem ta' qabel, f'hinijiet differenti f'tas-Sliema, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda u cioe' kkommettew serq ta' nuccalijiet tax-xemx ta' ditti rinomati mill-fond K-Optics sitwat fi Triq Windsor, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-dannu ta' Kevin Camilleri;
2. U talli fl-istess zmien, f'hinijiet differenti f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtrajtu u/jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il-Gzejjer biex ibieghuhom jew imexxuhom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira;
3. U aktar talli fl-1 t'Ottubru 207 ghall-habta ta' nofs inhar, f'tas-Sliema, bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe' serq mill-fond K Optics sitwat fi Triq Windsor, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-eskuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom kif ukoll li kieku sar kien ikun aggravat bil-valur.

Lil Neville Cassar wahdu:

4. Talli fid-29 ta' Settembru 2007 u fil-jiem ta' qabel, f'tas-Sliema kkommetta serq ta' hwejjeg mill-fond Outlet T3 sitwat fi Triq Windsor, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-mezz ghad-dannu ta' Mariella Antoci u/jew persuni ohra;
5. U aktar talli fl-istess zmien f'hinijiet differenti f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara u/jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwista b'reat sew (sic), jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun dahhal f'dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccediex l-elf lira.
6. U talli fl-istess zmien u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu f'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.D. nhar 29 ta' Novembru, 2004.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali fid-29 ta' Novembru, 2007, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li l-imputati rregistraw ammissjoni bikrija, u cioe fl-ewwel seduta ta' dawn il-proceduri li nzammet fis-27 ta' Gunju 2008, u bdew jinstemghu il-provi dwar il-piena.

Ghal xi raguni, li dina l-Qorti ma tistax tifhem, l-imputati regghu rregistraw ammissjoni fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2010 u regghu rregistraw ammissjoni ohra fis-seduta tal-21 ta' Frar 2014.

F'din l-ahhar seduta msemmija, cioe dik tal-21 ta' Frar 2014 gie verbalizzat hekk:

*"Il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qeghdin jaqblu illi wara li tigi registrata ammissjoni ghall-akkuzi addebiti lill-imputati tenut kont anke tal-fatt li llum l-imputati stradaw ruhhom, m'ghadhomx jghixu l-hajja ta' delinkwenza, tenut kont anke tal-fatt li r-res furtiva giet ritornata lil parti leza, l-piena idoneja ghall-akkuzi li jirrisalu ghas-sena 2007 ghandha tkun l-Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sena.*

*Il-Qorti semghet id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza fejn irrakomandaw li l-piena idoneja ghall-akkuzi in kwistjoni ghandha tkun ta' Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sena. Peress li l-Qorti m'hiex f'posizzjoni f'dan l-istadju li tevalwa jekk il-piena rakkomandata hiex wahda idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern, tirriserva li teroga kull piena ohra permessibbli skont il-ligi.*

*F'dan l-istadju Dr. Veronique Dalli skuzat ruhha ghax kellha mpenn quddiem Qorti ohra u l-imputati qed jigu assistiti minn Dr. Dean Hili li qed jassocja ruhu fil-patrocinju tal-imputati ma' Dr. Veronique Dalli.*

*L-imputati qeghdin jammettu ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom.*

*Il-Qorti wissiet lill-imputat Neville Cassar bis-serjeta' tal-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u senjatament li dawn iwasslu ghal piena ta' prigunerija massima ta' sitt snin u nofs prigunerija u l-Qorti trid titratta mieghu ukoll ghal ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti fid-29 ta' Novembru, 2004 u tatu cans u hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu sabiex jara jekk iridx*

*jirrevedi l-posizzjoni tieghu u wara li kkonsulta mal-Avukat difensur tieghu l-imputat Neville Cassar qed jikkonferma l-ammissjoni tieghu.*

*Il-Qorti wissiet lill-imputat Sandro Agius bis-serjeta' tal-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u senjatament li dawn iwasslu ghal piena ta' prigunerija massima ta' hames snin prigunerija u tatu cans u hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu sabiex jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu u wara li kkonsulta mal-Avukat difensur tieghu l-imputat Sandro Agius qed jerga' jikkonferma l-ammissjoni tieghu.*

*Saret it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena."*

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2014, din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza stante *inter alia* li dehrilha opportun li qabel tghaddi ghas-sentenza isir pre-sentencing report dwar l-imputati;

Rat il-*pre-sentencing reports* dwar l-imputati imhejjija mill-Ufficjal tal-Probation Maryanne Zammit.

Semghet il-kontro-ezami tal-Ufficjal tal-Probation Maryanne Zammit

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2015, din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex l-imputat Neville Cassar jitpogga taht Ordni ta' Supervizjoni Provizorja, sabiex l-Ufficcjal tal-Probation tkun tista' tiffinalizza l-*pre-sentencing report* fir-rigward ta' dan l-imputat.

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2015 u f'dik tas-16 ta' Lulju 2015, fejn ghar-ragunijiet moghtija mill-Ufficjal tal-Probation, hija ma setghatx tiffinalizza l-*pre-sentencing report* fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputati stess, il-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati, u l-fatt li huma kkoperaw mal-pulizija, ghalkemm irid jinghad li fil-kaz tas-serq minghand il-hanut K-Optics, huma inqabdu *red-handed*.

L-imputati rritornaw l-affarijiet kollha li serqu, qabel ma nbdew dawn il-proceduri.[1] Ghalhekk il-piena ghandha titnaqqas b'zewg gradi ai termini tal-Artikolu 337 tal-Kodici Kriminali. Pero dan il-beneficcju huwa newtralizzat bil-fatt li l-imputati huma hatja wkoll ta' reat kontinwat taht l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, u fl-opinjoni tal-Qorti l-piena ghandha tizdied b'zewg gradi.

Illi n-nuccalijiet tax-xemx li gew misruqa miz-zewg imputati mill-K-Optics kienu jammontaw ghal LM315[2] ekwivalenti ghal €733.75.

Il-hwejjeg misruqa minn hanut tal-hwejjeg mill-imputat Neville Cassar wahdu jammontaw ghal €74.54.[3] Pero, dan is-serq huwa aggravat ukoll bil-mezz.

Ikkunsidrat ukoll illi fil-konfront tal-imputat Neville Cassar, it-tieni imputazzjoni, u cioe ta' ricettazzjoni hija assorbita bit-teorija tar-konkors formali jew ideali tar-reati fl-ewwel imputazzjoni ta' serq ta' nuccalijiet tax-xemx.

Dan ma japplikax fil-kaz tal-imputat Sandro Agius, peress li Sandro Agius mhux biss kien komplici fir-reat tas-serq tan-nuccalijiet, izda mbaghad xtara l-istess nuccalijiet minghand l-imputat Neville Cassar.[4]

---

[1] Ara xhieda tal-Ispettur Ramon Mercieca a fol. 25 tal-process.
[2] Ara xhieda tal-Ispettur Ramon Mercieca a fol. 29 tal-process u Dok RC 9 minnu ezebit.
[3] Ara rapport tal-pulizija a fol. 41 tal-process.
[4] Ara stqarrija ta' Sandro Agius a fol. 33 tal-process u stqarrija ta' Neville Cassar a fol. 36 tal-process.

Il-fedina penali aggiornata ta' Sandro Agius fiha tminn kundanni, pero jidher li mill-2007 sal-lum, l-unika darba li xellef difrejgh mal-gustizza kien fit-12 ta' Dicembru 2013 meta kkommetta l-kontravenzjoni tal-ksur tal-buon ordni b'ghajjat u glied.

Il-fedina penali tal-imputat Neville Cassar fiha tminn (8) kundanni, pero mill-fedina penali ma jirrizultax car meta kien ikkommetta l-ahhar reat tieghu, li kien dak ta' pussess ta' droga, eroina, pero mis-sentenza ezebita a fol. 129 tal-process, dan ir-reat sehh fis-sena 2007.

Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat Sandro Agius mexa b'success lejn it-triq ta' riabilitazzjoni mid-droga. Fil-fatt ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation fil-konfront tieghu kienet is-segwenti: *"... ... li Sandro Agius jinghata Ordni ta' Probation u Servizz skont l-Artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn l-element ta' Probation ikun dak ta' sentejn filwaqt li l-element ta' xoghol ikun dak ta' erbghin siegha."* Din il-Qorti taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficcjal tal-Probation.

Mhux l-istess jista' jinghad fil-konfront tal-imputat Neville Cassar, li mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation ma kkoperax maghha u fil-fatt il-*pre-sentencing report* fil-konfront tieghu qatt ma gie finalizzat, minkejja l-fatt li din il-Qorti tatu diversi opportunitajiet – u anke ssospendiet il-prolazzjoni ta' din is-sentenza – sabiex l-imputat Neville Cassar jaghti l-kampjuni tal-urina lill-Ufficcjal tal-Probation biex din tkun tista tikkompleta l-*pre-sentencing report.*

Fl-ewwel kampjun tal-urina li ntalab minghand l-imputat Neville Cassar, l-imputat beda jghid li qed isibha difficli li jaghti kampjun tal-urina waqt li jkun hemm supervizjoni, u meta fl-ahhar ta l-kampjun irrizulta posizittiv ghas-sustanza eroina, ghalkemm l-imputat innega li abbuza minn din id-droga. Sussegwentement, aktar tard fi zjara gewwa d-dar tal-imputat allega li jista' jkun li t-test tal-urina irrizulta posittiv ghas-sustanza tal-eroina minhabba li ha l-medicina Solpadine. Pero hu ma pprovdiex din l-informazzjoni qabel ittehidlu dan il-kampjun.[5]

Din il-Qorti tat il-beneficcju tad-dubbju lill-imputat u ordnat li jitpogga taht Ordni Provizorja ta' Supervizjoni. Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2015, l-Ufficjal tal-Probation Mary Ann

[5] Ara rapport tal-Ufficjal tal-Probation a fol. 155 retro tal-process.

Zammit xehdet li l-imputat Neville Cassar ma kienx ikkopera maghha biex imur l-ufficju taghha sabiex jittiehidlu kampjun tal-urina ghall-analizi. Mix-xhieda taghha jirrizulta wkoll li l-imputat Cassar imur it-Detox Out-patients kuljum biex jiehu l-methadone.

Il-Qorti tat estensjoni ohra tal-Ordni ta' Supervizjoni Provizorja fuq l-imputat Cassar. Fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2015, l-Ufficjal tal-Probation xehdet li fis-26 ta' Gunju 2015, l-imputat ta kampjun tal-urina li rrizulta *clean* ghas-sustanzi illeciti kollha. L-Ufficjal tal-Probation baghtitlu ittra biex imur l-ufficju fl-14 ta' Lulju 2014, biex tehodlu *random test* tal-urina, pero l-imputat Cassar ma marx. L-imputat Cassar qed jallega li l-Ufficjal tal-Probation kienet baghtet l-ittra fl-indirizz hazin, u hu qatt ma rcieva l-ittra. Pero, l-Ufficjal tal-Probation xehdet li hi tibbaza fuq l-informazzjoni fin-nota li tircievi mill-Qorti u din ma kienitx l-ewwel darba li baghtitlu ittra f'dak l-indirizz, u kienet baghtitlu diversi ittri f'dak l-indirizz u hu dejjem irrisponda. Dan apparti l-fatt li hija kundizzjoni wkoll tal-Ordni ta' Supervizjoni li huwa jinforma lill-Ufficjal tal-Probation jekk ibiddel l-indirizz. Id-diskrepanza fl-ittri kienet li waqt li l-Ufficjal tal-Probation baghtet l-ittra fl-indirizz "It-Tielet Sular, Camerata Building, Triq il-Merkanti, Valletta", fuq l-karta tal-identita ezebita mill-imputat, huwa jghix fl-Ewwel Sular, tal-istess bini u mhux fit-tielet sular. Ghalkemm, hemm din id-diskrepanza zghira fl-indirizz, din il-Qorti hija perswaza li l-imputat Cassar ircieva l-ittra tal-Ufficjal tal-Probation fl-14 ta' Lulju 2015, kif ircieva l-ittri l-ohrajn mibghuta fl-istess indirizz, izda hu ghazel li ma jmurx.

Ghalkemm l-imputat Cassar kellu rizultat wiehed *clean* tal-urina, in-nuqqas persistenti ta' ko-operazzjoni tal-imputat mal-Ufficcjal tal-Probation, jikkonvincu lil din il-Qorti sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li l-imputat ghadu jabbuza, ghalkemm mhux b'mod daqshekk frekwenti, minn sustanzi illeciti. Din il-konvinzjoni hi assodata bil-fatt li mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li dan l-imputat ghadu jiehu l-methadone kuljum, u l-ewwel rizultat tal-urina tieghu kien pozittiv ghall-eroina.

Pero, in vista tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula, il-Qorti hija konvinta li l-imputat Cassar irregistra progress fit-triq tieghu ghar-riabilitazzjoni, u ghalhekk hija tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ghalhekk, il-Qorti hija tal-opinjoni li ma tkunx haga gusta li tinghata ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, in kwantu jirrigwarda is-sentenza sospiza moghtija fil-konfront ta'

l-imputat Cassar, ghalkemm din is-sentenza sospiza giet miksura bir-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Pero, il-Qorti hija tal-opinjoni li din is-sentenza sospiza ghandha tigi estiza ghal zmien erba' snin mill-lum u li l-imputat Cassar jitpogga taht ordni ta' supervizjoni ghall-istess tul ta' zmien.

**Konkluzjoni**

*Fil-Konfront ta' Neville Cassar*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 261(b) u (c), 263(a), 267, 279(a), 280(2), 278(2), 334, 41(1)(a) u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, wara li rat l-artikolu 28B (2) (b) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qed tbiddel l-ordni moghti taht l-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 u imposta fuq Neville Cassar minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-29 ta' Novembru 2004, billi testendi l-perjodu operattiv hemm indikat ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din l-estensjoni tal-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien erba' (4) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni.

*Fil-Konfront ta' Sandro Agius*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 261(c), 267, 279(a), 334 u 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u b'applikazzjoni ta' l-Artikoli 18 u 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huwa jkun jista' jigi ikkundannat ghar-reati li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

In oltre, ai termini tal-Artikoli 18 u 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tpoggi lil Sandro Agius taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal erbghin (40) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Din l-Ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' din l-Ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordnijiet ta' Supervizjoni, ta' Probation u ta' Servizz fil-Kommunita annessi maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**